MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' April, 2007

Avviz Numru. 14/2003

**Jason Magro kif surrogat fid-drittijiet legali ta’ Saviour Schembri, David Cutajar u Raymond Saliba.**

**V.**

**Ralph Mifsud u b’digriet tat-28 ta’ Frar, 2003 giet ordnata zieda ta’ konvenut iehor u cioe Kenneth Cassar.**

**Il-Qorti:**

Rat illi l-attur ipprezenta avviz fir-registru ta’ din il-Qorti nhar tmienja (8) ta’Jannar 2003 fejn talab lil Qorti tikkundanna lil konvenut ihallas dak l-ammont ta’ flus li ma jeccedix il hamest elef lira Maltin (LM5,000) li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti okkorendo b’nomina ta’ periti nominandi konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta’ Jannar 2002 f’Hal-Far bejn il-vettura tal-marka Seat Ibiza misjuqa mill-konvenut bin-numru ta registazzjoni RJC-681 u l-vettura tal-marka Toyota

misjuqa mill-attur bin-numru ta’ registrazzjoni WIL-083 (vide document JM1) kif ukoll is-somma ta’ hames mija u hamsa u tletin lira Maltin (LM535) diga mhalsa mill-attur u surrogat fid-drittijiet ta’ l-imsemmija Saviour Schembri, Daniel Cutajar u Raymond Saliba (vide Dok. DM2 u Dok. DM3) prevja dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident hawn imsemmi u dan minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza ta’ regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjes komprizi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Illi skond ma jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2003 deher l-avukat difensur tal-attur li talab zieda ta’ konvenut iehor Kenneth Cassar u l-Qorti fl-istess jum laqghet it-talba tieghu. Illi sussegwentement f’dik l-istess seduta l-istess avukat difensur tal-attur esebixxa nota ta’ cessjoni fil-konfront tal-konvenut Ralph Mifsud u ghalhekk din il-kawza tkompliet biss fil-konfront ta’ Kenneth Cassar.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-konvenut Kenneth Cassar gie notifikat ghall-ewwel darba bl-avviz fil-21 ta’ Frar, 2005 (data tal-gazzetta The Times) u fil-25 ta’ Frar, 2005 (data tal-Gazzetta tal-Gvern).

Sussegwentement, fid-19 ta’ April 2005 il-konvenut Kenneth Cassar ipprezenta n-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu fir-registru ta’ din il-Qorti u eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni ghad-danni fil-konfront ta’ l-eccipjenti Kenneth Cassar hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Dejjem minghajr pregudizju fil-mertu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut mhuwiex responsabbli ghall-incident li sehh fl-1 ta’ Jannar 2002, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

**<u>Provi</u>**

Illi nhar is-27 ta' Ottubru 2005 xehed l-attur Jason Magro u spjega kif nhar l-1 ta' Jannar 2002 ghall-habta tas 1.30 p.m. jew is-2.00 p.m. kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni WIL-083 f'Hal Far, miexi bejn Hal Far Industrial Estate fid-direzzjoni ta' B'Bugia. Huwa ghadda vicin karozza Seat Ibiza sewda li kienet ipparkjata fuq ix-xellug tat-triq. Jispjega pero li appena wasal ma genbu bi dritt maghha, is-sewwieq ta' din il-vettura ghamel U-turn u laqtu fuq ir-rota ta' quddiem tan-naha tax-xellug u konsegwentement ta' din id-daqqa skiddja u spicca n-naha l-ohra tat-triq mahbut go zewg karozzi ohra li kienu pparkjati. Huwa kien qed isuq b'velocita ta bejn 60 u 65 km/fs. Jghid li kellu hafna hsarat u fil-fatt il-vettura tieghu giet dikjarata bhala *total loss* u dan ghaliex il-hsarat kienu '*beyong economical repair*'.

Muri l-isketch redatt mill-pulizija esebit fl-atti u markat bhala dok JM1 (fol.2) ighid li jaqbel mal-posizjoni tal-vettura kif murija fl-iskizz. Dak iz-zmien tal-incident it-triq mghrufa bhala l-*Ex Runway* ta' Hal Far ma kellhiex sinjali, izda illum ghandha *sleeping policemen*, *parking lanes* u ghamlu senjaletika ohra.

Ikkonferma li l-vettura tieghu kien xtraha sena qabel l-incident ghal prezz ta' sebat elef lira Maltin (LM7,000), u kien kopert bil-polza ta' sigurta ma MiddleSea fuq bazi ta' *third party cover*. Jghid li apparti l-ispiza tal-vettura tieghu huwa hallas ukoll ghal hsarat li gew kagunati fuq il-vetturi l-ohra li kienu pparkjati.

**Kenneth Cassar** xehed nhar is-16 ta' Jannar 2006 u spjega illi huwa kien qed isuq il-vettura numru ta registrazzjoni RJC-681 sejjer minn fejn hemm il-gabbani ta' Hal Far sejjer fid-direzzjoni ta' Ghar Hassan u dan b'velocita ta' bejn 60 u 65 km/fs. Kien miexi ghall-affari tieghu meta f'daqqa u l-hin giet vettura b'velocita eccessiva minn warajh u meta ghadda minn hdejh ried jissorpassah pero minflok dahal go fih proprju f'dik il-parti tal-bieba leminija.

Bid-daqqa huwa tilef il-kontrol u l-karozza tieghu spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq mahbut go karozza ohra li kienet wieqfa. Meta gie muri l-iskizz redatt mill-pulizija huwa kkonferma il-posizjoni tal-vetturi involuti f'dan l-incident.

Il-Qorti ezaminat ukoll l-okkorenza tal-pulizija esebita fl-atti u markata bhala dokument JM1 (fol.2) u minn ezami ta' l-istess jirrisulta li l-versjoni tal-fatti tal-incident kif rapportati lill-pulizija hija l-istess versjoni li l-partijiet xehdu l-qorti.

Ikkunsidrat:

Illi il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu eccepixxa in linea preliminari l-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-Ligi jipprovdi illi:

**2153.** "l-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux kkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn"

Illi ghalhekk jispetta lil konvenut jipprova li ghal perijodu ta'sentejn wara li sehh l-incident huwa ma ircieva l-ebda notifika legali sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni minnu kagunati lill-attur.

Kif gie imfisser fis-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appel (Sede Kummerc) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Emanuel Calleja vs Anthony Portelli** deciza nhar id-29 ta Novembru 1971 "*Iz-zmien ta' preksrizzjoni jrid jitqies bi referenza ghall-azzjoni kif bazata*".

Issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pasquale Bonello vs Matteo Grech** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar id-9 ta' Jannar 1875 fejn jinghad li l-preskrizzjoni hija eccezzjoni ghall-azzjoni "*la prescrizione e una eccezione opposta alla azione, ed e regola invariabile che il convenuta in questo caso diventa attore, spettando a lui di provare cio che serve di fondamento alle sue eccezione* – (Chardon Del Dolo e delle Frode Vol 1 Toullier Vol. 4 para 612).

Peress illi l-preskrizzjoni hija eccezzjoni opposta ghall-azzjoni istanti, b’mod li l-konvenut isir attur meta igib dik l-eccezzjoni ‘l quddiem huwa ghandu l-obbligu li jipprova dak li ghandu iservi bhala fundament ghall-eccezzjoni tieghu. (Vide **Mario Zammit vs Lawrence James Cappello et** deciza nhar id-19 ta’ Novembru 1962 – Qorti tal-Appelli Sede civili).

Mill-atti jirrizulta illi l-incident de quo sehh fl-1 ta’ Jannar, 2002. Ghall-ewwel il-kawza giet intavolata kontra Ralph Mifsud, liema kawza giet ipprezentata fit-8 ta’ Jannar, 2003. Sussegwentement fit-28 ta’ Frar, 2003 l-attur talab li jidhol fil-kawza l-konvenut odjern Kenneth Cassar u ceda l-istess kawza fil-konfront ta’ Ralph Mifsud dak-in-nhar stess.

Issa skond l-artikolu 2128 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jinghad illi “*Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll b’kull att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid li ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u li minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom izommu l-jedd taghhom*”. F’dan il-kaz, l-attur ipprezenta avviz kontra l-konvenut u ghalhekk, kieku gie notifikat il-konvenut bl-avviz, l-preskrizzjoni kienet tkun sospiza.

Hemm ukoll l-artikolu 2130 (1) tal-Kap. 16 li jistipula illi “*Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika ta’ l-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum taz-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni*”.

Il-Qorti rat is-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **Dr. Edward Woods noe et vs David Jones et** noe deciza nhar it-3 ta’ Marzu 1995 fejn gie ritenut li l-artikolu 2130 tal-Kodici Civili ma hux applikabbli ghall-att tac-citazzjoni billi dana l-att jikkostitwixxi ‘talba gudizzjarja’ ai termini tal-artikolu 2131 u 2132 tal-Kodici Civili. L-artikolu 2130 tal-Kodici Civili japplika meta si tratta ta’ ittra ufficcjali jew xi att gudizjarju iehor skond l-artikolu 2128 tal-Kodici Civili li bih il-kreditur juri bi hsiebu jzomm il-jedd tieghu ta’ azzjoni fil-konfront tad-debitur.”

F’dan il-kaz jirrisulta bic-car li l-attur ma avzax lid-debitur tieghu li bi hsiebu izomm il-jedd tieghu ta’ azzjoni b’ittra ufficjali jew protest, izda l-attur ezercita dak id-dritt ta’ azzjoni bl-avviz, liema avviz gie ipprezentat entro t-terminu ta’ sentejn li jissemma fl-artikoli 2153 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appel fl-ismijiet **Briffa vs Debono** deciza fis-7 ta’ Lulju 1992 fejn saret distinzjoni bejn l-att rinnovattiv ta’ l-azzjoni (bhal ma hija l-ittra ufficjali jew il-protest) u l-att esekuttiv taghha (bhal ma hija c-citazzjoni.)

Issir refernza ukoll ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta’ Gunju 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Gatt nomine vs David Jones et nomine** fejn l-istess tip ta’ eccezzjoni li tresqet f’din il-kawza giet respinta ghall-istess raguni li qieghda tigi respinta din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Konsiderazzjonijiet – Il mertu.

Illi minn ezami tax-xhieda mghotija mill-attur jirrizulta illi nhar l-1 ta’ Jannar 2005 waqt li huwa kien ghaddej bil-vettura tieghu bin-numru ta’ registrazzjoni WIL-083 f’Hal Far sejjer fid-direzzjoni ta’ B’Bugia huwa ghadda vicin ta’ karozza tal-ghamla Seat li kienet pparkjata fuq ix-xellug tieghu, u li wara rrizultalu li kien il-konvenut odjern Cassar. Jispjega illi appena wasal ma gembha din mxiet ‘l quddiem u ghamlet U turn u laqtitu fuq ir-rota ta’ quddiem tan-naha tax-xellug. Huwa spicca skidja ghan-naha l-ohra tat-triq. Inzerta li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm zewg vetturi pparkjati u spicca dahal fihom ukoll. Ikkonferma li kien ghaddej bi speed ta’ circa 60 jew 65 km/fs. Bhala rizultat ta’ dan l-incident awtomobilistiku l-vettura tieghu spiccat *total loss*. Meta gie muri l-iskizz redatt mill-pulizija huwa qabel mieghu *in toto*. Stqarr li l-vettura kien xtraha ghas-somma ta’ sebat elef lira maltin (LM7,000) *second hand* is-sena ta qabel l-incident . Jirrizulta ukoll li effettivament hallas l-ispejjez sofferti mill-vetturi li kienu stazzjonati u li dahal fihom.

Mill-provi tal-konvenut u appuntu mix-xhieda ta' Kenneth Cassar jirrizulta li huwa kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni RJC 681 sejjer fid-direzzjoni ta' Ghar Hasan mixi ukoll bi speed ta' bejn 60 u 65 km/fs.  F'daqqa u l-hin nnota vettura gejja b'velocita qawwija minn warajh, liema vettura ppruvat tissorpassah u fil-process tas-sorpass dahlet go fih u gibditlu l-bieba  tal-lemin bic-cappetti b'kollox.  Bid-daqqa li qala huwa tilef il-*control* tal-vettura u spicca fuq in-naha zbaljata tat-triq.

Illi huwa principju stabillit illi min jallega irid jipprova.  Illi mix-xhieda prodotti u cioe mix-xhieda tal-kontendenti jirrizulta fic-cirkostanzi illi l-versjoni tal-fatti ta' kif gara l-incident kif spjegat mill-konvenut u cioe li kien l-attur li dahal go fih waqt manuvra ta surpass hija aktar veritiera u dan ghaliex li kieku verament l-konvenut kien qed jipprova jaqla *sic et simpliciter* minn fejn kien ipparkjat zgur li l-hsarat ma kienux ikunu daqstant gravi.  Il-fatt li d-danni huma kbar tant li l-vettura ta' l-attur hija dikjarata *total loss* hija indikativa li l-attur verament kien miexi bi speed qawwi u kien qed jipprova jissorpassa lill-konvenut.  Ma jghamilx sens dak li qal l-attur li l-konvenut ipprova johrog ghan-nofs it-triq u laqtu ghaliex kieku d-danni reklamati kienu ikun ferm izghar.

Huwa ukoll sinonimu mal-attendibilta tax-xhieda tal-konvenut li l-attur kellu speed qawwi huwa l-fatt li meta tilef il-*control* ma waqaftx izda baqa diehel f'zewg karozzi ohra pparkjati fuq l-karregjata l-ohra tat-triq. Illi minn ezami tal-okkorenza mehuda mill-pulizija jirrizulta ukoll li l-vettura tal-attur kellha daqqiet kullimkien waqt li fuq il-vettura tal-konvenut id-danni huma ristretti ghal parti leminija taghha.  Indikazzjoni li d-daqqa li qalghet kienet gejja mill-lemin  u cioe mid-direzzjoni ta' fejn kien l-attur. Interessanti ukoll il-fatt li l-attur ighid li huwa ghadda vicin hafna tal-konvenut izda xorta isostni li kien il-konvenut li ghamel il-*U turn*.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attur ma irnexxilux jipprova li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

GHALDAQSTANT, il-Qorti filwaqt li qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata millI-konvenut, qieghda tilqa t-tieni eccezzjoni tieghu li mhuwiex responsabli ghall-incident li sehh fl-ewwel ta' Jannar 2002 u konsegwentement tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu kollha mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------